MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Numru. 31/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Massimo Bonello**

**Illum, 11 ta' Lulju 2013**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Massimo Bonello ta' 39 sena, bin George u Matilde nee` Zammit, imwieled Pieta` nhar it-22 ta' Novembru 1973, residenti Flat 1, Sunrise, Triq il-Knisja, Paola u detentur tal-karta tal-identita` numru 522073M

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-5 ta' Novembru 2011, u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data f'hinijiet differenti:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema

droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

6) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (amphetamine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

8) Fl-ahhar nett talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), u l-ordni tal-istess Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi

legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta mill-*proces verbal* esibit fl-atti ta' din il-kawza, illi minn tfittxija li saret fil-5 ta' Novembru 2011, fuq il-persuna tal-imputat u fil-vettura tieghu, instabu pakketti li kienu jikkontjenu trab abjad suspettata droga, kif ukoll *joint* u raza tal-cannabis. Minn tfittxija li saret gewwa r-residenza tal-imputat, fl-istess jum, gew elevati wkoll tnejn u hamsin pillola suspettati ecstasy u borza li kienet tikkontjeni trab abjad, apparti diversi oggetti relatati mat-tehid ta' droga.[1]

Illi jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud[2], prezentata minnu fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, illi huwa nghata s-segwenti dokumenti mill-Ispettur Malcolm Bondin sabiex jaghmel l-analizi necessarja fuq l-istess dokumenti, li a skans ta' inekwivoci qed jigu riprodotti hawn taht in succint bil-kodici tal-laboratorju moghtija mill-istess espert[3]:-

**Kodici tal-Laboratorju Deskrizzjoni**

239/12/01 Borza tal-plastik trasparenti li kienet tikkontjeni kwantita` ta' trab ta' lewn abjad, suspettat kreatina, liema borza giet elevata mir-residenza tal-imputat;

239/12/02 Borza tal-plastik trasparenti li kienet tikkontjeni zewg pilloli ta' lewn abjad, wahda b'logo '66' u ohra b'logo 'MC2', suspettati pilloli ecstasy, liema borza giet elevata mir-residenza tal-imputat;

239/12/03 Borza tal-plastik trasparenti li kienet tikkontjeni hamsin pillola ta' lewn roza bil-logo 'lacoste', suspettati

---

[1] A fol. 20 tal-process.
[2] A fol. 47 sa 83 tal-process.
[3] A fol. 48 sa 51 tal-process.

pilloli ecstasy, liema borza ukoll giet elevata mir-residenza tal-imputat;

239/12/04 Borza tal-plastik trasparenti, li kienet tikkontjeni borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm sustanza ta' lewn *off white* u zewg boroz tal-plastik li kien fihom trab ta' lewn abjad, elevati mill-*wallet* tal-imputat minn fuq il-persuna tal-istess imputat,;

239/12/05 Borza tal-plastik trasparenti, li kienet tikkontjeni kaxxa tal-metall, go liema kaxxa kien hemm *inter alia* speci ta' sigarett tal-brim u bicca sustanza zghira ta' lewn kannella. L-istess kaxxa giet elevata mill-vettura tal-imputat.

Illi mill-konkluzjonijiet tal-imsemmi espert[4], wara l-analiza tad-dokumenti hawn fuq deskritti, jirrizulta s-segwenti:

a) Illi ma nstabux sustanzi illegali fit-trab ta' lewn abjad li kien hemm fid-dokument 239/12/01;

b) Illi s-sustanza ta' lewn *off-white* fid-dokument 239/12/04 (bil-kodici tal-laboratorju 239/12/04a) hija s-sustanza *Prolintane*, *central stimulant*, **li mhix ikkontrollata taht il-ligi Maltija**;

c) Illi fit-tnejn u hamsin pillola fid-dokumenti 239/12/02 u 239/12/03 instabet is-sustanza MDMA, *central stimulant*, kkontrollata taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Illi s-sigarett tal-brim fid-dokument 239/12/05 kien *joint* tal-*cannabis.* Fit-tabakk instab frak tar-raza tal-pjanta tal-*cannabis.*

[4] A fol. 54 u 55 tal-process.

e) Illi l-blokka zghira ta’ sustanza ta’ lewn kannella fid-dokument 239/12/05 kienet raza tal-pjanta tal-*cannabis* – f’ammont nett totali ta’ 1.25 grammi. Il-purita` ta’ din il-blokka ghas-sustanza THC kienet ta’ cirka 7.3%.

f) Illi fit-trab ta’ lewn abjad li kien hemm f’zewg boroz tal-plastik fid-dokument 239/12/04 instabet fih is-sustanza kokajina – il-piz nett totali tat-trab kien ta’ 0.96 grammi waqt li l-purita` ghas-sustanza kokajina kienet ta’ cirka 31.6%.

Illi ghalhekk minkejja l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu, inkluz ghalhekk is-seba’ imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess ta’ medicina psikotropika u specifikata (*amphetamine*), jirrizulta illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat li ghaliha tirreferi din l-imputazzjoni ma kinitx fil-fatt *Amphetamine,* izda *Prolintane* li ghalkemm, skond l-Ispizjar Mario Mifsud, tixbah hafna lis-sustanza amfetamina[5], madankollu, mhijiex ikkontrollata taht il-ligi Maltija.

Ghaldaqstant fil-waqt illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni fil-kawza, il-Qorti tqis l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt u t-tminn imputazzjoni sufficjentement pruvati sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk issib lill-imputat hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet, ma ssibx lill-imputat hati tas-seba’ imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghall-fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputat, li fil-fatt giet

[5] Xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud, a fol. 45 u 46 tal-process.

registrata fit-tieni seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fl-24 ta' Mejju 2013, il-fatt li l-imputat kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-sens illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat li ghalkemm mhix netta lanqas ma hija wahda allarmanti.

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll illi kif diga` gie indikat izjed il'fuq, l-imputat instab fil-pussess ta' tnejn u hamsin pillola ecstasy, *joint* tal-*cannabis*, blokka zghira tar-raza tal-pjanta tal-*cannabis* (f'ammont nett totali ta' 1.25 gramma u b'purita` ta' cirka 7.3%) u zewg boroz tal-plastik bis-sustanza kokajina (b'piz nett totali ta' trab ta' 0.96 grammi u b'purita` ta' cirka 31.6%).

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-5 ta' Novembru 2011[6], jirrizulta illi l-hamsin pillola ecstasy ta' lewn roza kienu intizi sabiex jigu mibjugha mill-imputat gewwa Paceville. Huwa qal illi dawn il-pilloli kien xtrahom bejn gimgha jew hmistax qabel sabiex "*naqla lira minnhom*" u li huwa kien ibiegh dawn il-pilloli bil-prezz ta' ghaxar Euro il-wahda, ghalkemm kien jirranga l-prezz skond l-ammont ta' pilloli li kienet tixtri persuna. L-imputat semma wkoll il-postijiet gewwa Paceville li fihom kien ibiegh l-ecstasy.[7] L-imputat stqarr illi huwa kien jixtri dawn il-pilloli bil-prezz ta' hames jew sitt Euro il-wahda u kien jixtri "*qisu daqs mitt pirmla ecstasy*".[8] Dwar iz-zewg pilloli ecstasy ta' lewn abjad, l-imputat qal illi "*dawk kienu ta' qabel u kont insejthom ghax dawk kont bighejthom*".[9] L-imputat qal ukoll illi huwa kien ilu jbiegh pilloli ecstasy gewwa Paceville "*qisni minn April 2011 lil hawn bejn darba jew darbtjen fil-gimgha specjalment fil-weekend*"[10].

[6] A fol. 12 sa 14 tal-process.
[7] A fol. 13 tal-process.
[8] A fol. 14 tal-process.
[9] A fol. 14 tal-process.
[10] A fol. 13 tal-process.

Jidher ghalhekk minn dak suespost illi l-imputat fil-fatt kien ilu jbiegh pilloli ecstasy ghall-perjodu ta' seba' xhur (ghalkemm fil-fatt l-imputazzjoni tirreferi ghall-5 ta' Novembru 2011 u ghas-sitt xhur ta' qabel – u l-Qorti sejra ghalhekk tqis biss dan il-perjodu ta' zmien), matul liema perjodu huwa biegh ammont sostanzjali ta' pilloli ecstasy. Apparti t-tnejn u hamsin pillola li nstabu fil-pussess tieghu, li fil-fehma ta' din il-Qorti, ukoll fih inniffsu mhuwiex ammont zghir, huwa kien jixtri mitt pillola kull darba sabiex ibieghhom u ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex informazzjoni dwar kemm il-darba l-imputat ghamel dan, madankollu li l-bejgh tal-pilloli kien sostanzjali jirrizulta mill-fatt illi apparti li kif inghad, huwa kien ilu jbiegh l-istess pilloli minn April 2011, matul dan il-perjodu huwa kien ibiegh gewwa Paceville, bejn darba u anke darbtejn fil-gimgha, b'mod partikolari fil-weekend u kien idur f'diversi *clubs* gewwa Paceville sabiex isib il-bejgh. In oltre kif diga` inghad izjed il'fuq, b'referenza ghaz-zewg pilloli ta' lewn abjad, bil-logos ta' route 66 u MC2, l-imputat jghid li dawn kien nesihom ghax kien bieghhom, li jfisser li dawn il-pilloli kienu parti minn ammont akbar li kienu gew ilkoll mibjugha mill-imputat. Mhux biss, izda apparti l-fatt li l-imputat kien ibiegh gewwa Paceville, huwa stqarr ukoll illi n-nies li kienu jixtru d-droga minghandu "*generalment kienu icempluli u ninzel niltaqa maghhom fl-akwata ta' Rahal Gdid l-iktar il-pjazza jew il-bandli*"[11]. Dan ifisser illi l-imputat kien ibiegh id-droga – kemm il-pilloli ecstasy, kif ukoll il-kokaina (kif ser jinghad izjed il'quddiem) – f'izjed minn darba jew darbtejn fil-gimgha, ghaliex apparti minn gewwa Paceville, huwa kien ibiegh ukoll gewwa Rahal Gdid.

Jirrizulta wkoll mis-suespost illi fil-waqt illi l-imputat kien jixtri mitt pillola bil-prezz ta' cirka €500 jew €600, huwa kien ibieghom bil-prezz ta' cirka €1,000.

Fir-rigward tal-abbuz tieghu mill-pilloli ecstasy, l-imputat qal illi "*b'kollox fi zmien 4 jew 5 xhur hadt 10 pirmli*" u li l-

[11] A fol. 14 tal-process.

ahhar li abbuza mill-ecstasy kien xi xahar qabel, meta ha zewg pilloli.[12]

In oltre jirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat, illi matul l-istess perjodu li fih kien ibiegh l-ecstasy, huwa kien ibiegh ukoll il-kokajina. Dan ifisser illi l-imputat kien ilu jbiegh il-kokaina ghall-perjodu ta’ seba xhur ossia minn April 2011. L-imputat kien ibiegh din id-droga f’pakketti ta’ 0.6 gramma bil-prezz ta’ hamsin Euro. Huwa stqarr ukoll illi kien ihallat il-krejatina mal-kokaina “*biex inkun nista’ nohrog aktar pakketti minnha ha nkun nista’ naqla lira iktar*”. Huwa kien jaqsam is-sustanza fuq ghajnejh qisu nofs u nofs u jippakja l-istess sustanza gewwa l-boroz li nstabu fir-residenza tieghu.[13] Dawn il-boroz jidhru fir-ritratti anness mar-relazzjoni tal-espert PS 6 Duncan Demicoli esebita fl-atti tal-*proces verbal* li sar mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Audrey Demicoli[14].

L-imputat qal ukoll illi huwa kien jabbuza mid-droga kokaina darba fil-gimgha, f’liema okkazzjoni huwa kien jiehu madwar 0.5 gramma li kien jixtriha madwar €50. Qal ukoll li madwar tliet gimghat qabel, huwa kien xtara erba’ boroz kokaina ta’ 0.5 gramma l’wahda. Ghalkemm kien hemm zmien twil fejn huwa kien waqaf jabbuza mill-kokaina, madankollu, huwa rega’ beda jabbuza minn din id-droga madwar Novembru ta’ sentejn qabel, jigifieri f’Novembru tas-sena 2009.[15] Kif diga` inghad, pero` l-imputazzjoni tirreferi ghall-5 ta’ Novembru 2011 u ghas-sitt xhur ta’ qabel u ghalhekk il-Qorti sejra tqis biss dan il-perjodu ta’ zmien u dan anke fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Mill-istqarrija jirrizulta wkoll illi l-imputat qal illi huwa kien jabbuza wkoll mir-raza tal-*cannabis.* Dwar dan huwa qal illi bicca raza bil-prezz ta’ €25 isservih cirka tliet gimghat u kien ilu jabbuza minnha xi tliet snin u dan billi jpejjep sigarett kull jumejn.[16] Anke f’dan ir-rigward madankollu l-

---

[12] A fol. 14 tal-process.
[13] A fol. 13 tal-process.
[14] A fol. 33 u 34 tal-process.
[15] A fol. 13 tal-process.
[16] A fol. 13 tal-process.

imputazzjoni sitta tirreferi ghal 5 ta’ Novembru 2011 u s-sitt xhur ta’ qabel din id-data.

Din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta’ Dicembru 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Mifsud** (App. Nru. 218/2002), f’liema sentenza fil-waqt li l-imsemmija Qorti ghamlet referenza ghal zewg brani mehuda mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, qablet perfettament ma’ dawn il-brani u ghalkemm l-istess Qorti tal-Appell Kriminali f’dak il-kaz kienet qeghda tikkunsidra kif ghandha titratta l-kwistjoni tar-riabilitazzjoni ta’ persuna mill-vizzju tad-droga meta l-istess persuna tinstab hatja ta’ traffikar ta’ droga, l-istess ragunament japplika necessarjament ghal kaz de quo. Is-segwenti huma l-brani mehuda mis-sentenza tal-ewwel Qorti u li gew citati mill-Qorti tal-Appell Kriminali:-

“*Illi lanqas biss hemm bzonn illi jinghad minn din il-Qorti illi l-problema tad-droga infirxet ferm f’pajjizna, fniet u qerdet il-hajja ta’ diversi persuni u tal-familjari taghhom u waslet necessarjament ghal zieda fil-kriminalita` fis-socjeta` taghna.*

*Illi necessarjament irid jinghata messagg car mill-Qrati taghna li min jinstab hati ta’ traffikar ta’ droga irid jigi punit serjament u dana kemm sabiex il-piena sservi ta’ deterrent, kif ukoll sabiex issir gustizzja mas-socjeta*`”.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni illi r-reat ta’ pussess aggravat ta’ medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) kontemplat fit-tielet imputazzjoni u r-reat ta’ pussess semplici tal-istess medicina, kif kontemplat fil-hames imputazzjoni, bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat ta’ traffikar u bejgh tal-istess medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) taht it-tieni imputazzjoni u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, il-Qorti ser tinfliggi piena wahda ghat-tlett reati, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-piena kontemplata fil-ligi ghar-reati taht it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet hija identika. In oltre, il-Qorti kkunsidrat illi r-reat ta’ pussess semplici ta’ droga kokaina taht ir-raba’ imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni ossia

dak ta’ traffikar u bejgh tad-droga kokaina ai termini tal-istess Artikolu 17(h).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, issib lill-imputat mhux hati tas-seba’ imputazzjoni u tilliberah minnha, fil-waqt illi ssibu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt u t-tminn imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta’ **tlett (3) snin prigunerija effettiva** – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u **multa ta’ elfejn u mitejn Euro (€2,200)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitejn Euro (€200.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita u ta’ dak kollu li ghandu x’jaqsam mal-abbuz tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------